SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (l-Ewwel Awla)

20 ta' Jannar 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2010/24/UE – Artikolu 16 – Irkupru ta' krediti relatati ma taxxi, dazji u miżuri oħra – Assistenza reċiproka – Talba għal miżuri kawtelatorji – Deċiżjoni ġudizzjarja tal-Istat Membru rikjedenti għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' miżuri kawtelatorji – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru rikjest sabiex tevalwa u tevalwa mill-ġdid il-ġustifikazzjoni ta' dawn il-miżuri – Prinċipji ta' fiduċja reċiproka u ta' rikonoxximent reċiproku"

Fil-Kawża C-420/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Mejju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Mejju 2019, fil-proċedura

Maksu- ja Tolliamet

vs

Heavyinstall OÜ,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (l-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, L. Bay Larsen, C. Toader u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Heavyinstall OÜ, minn S. Koivuaho, bħala mandatarja,

– għall-Gvern Estonjan, minn N. Grünberg, bħala aġent,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u R. Kissné Berta, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svediż, minn H. Eklinder, C. Meyer-Seitz, H. Shev, J. Lundberg u A. Falk, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u E. Randvere, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Estonjan.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati matul is-seduta tas-17 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal-deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' krediti relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU 2010, L 84, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Maksu- ja Tolliamet (l-Amministrazzjoni Fiskali u Doganali, l-Estonja) (iktar 'il quddiem il-"MTA") u Heavyinstall OÜ, dwar l-adozzjoni, fl-Estonja, ta' miżuri kawtelatorji mitluba mill-Awtorità Fiskali Finlandiża kontra din il-kumpannija.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 1, 4 u 6 tad-Direttiva 2010/24 jistipulaw:

"(1) L-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri għall-irkupru tat-talbiet [krediti] ta' xulxin u dawk tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti taxxi u miżuri oħrajn tikkontribwixxi għat-tħaddim xieraq tas-suq intern. Hija tiżgura n-newtralità fiskali u ppermettiet lill-Istati Membri biex ineħħu l-miżuri protettivi diskriminatorji fi transazzjonijiet transkonfini maħsuba biex jipprevjenu l-frodi u t-telf baġitarju.

[…]

(4) Bil-għan li jiġu ssalvagwardjati aħjar l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri u n-newtralità tas-suq intern, hu meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-assistenza reċiproka għall-irkupru jiġi estiż għal talbiet relatati ma' taxxi u dazji li għadhom mhumiex koperti mill-assistenza reċiproka għall-irkupru, filwaqt li sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu maż-żieda fit-talbiet għall-assistenza u biex iwasslu riżultati aħjar, jeħtieġ li l-assistenza ssir aktar effiċjenti u effikaċi u li tiġi ffaċilitata fil-prattika. […]

[…]

(6) Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-miżuri ta' rkupru disponibbli skont il-leġislazzjoni interna tagħhom. Madankollu, jeħtieġ li jiġi żgurat li la d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali u lanqas in-nuqqas ta' koordinament bejn l-awtoritajiet kompetenti ma jheddu l-operat bla xkiel tas-sistema tal-assistenza reċiproka prevista f'din id-Direttiva."

4 L-Artikolu 14(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Tilwim dwar it-talba [il-kreditu], l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti [rikjedenti] jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest u tilwim dwar il-validità ta' notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru applikanti għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-korpi kompetenti tal-Istat Membru applikanti. Jekk, waqt il-proċess tal-proċedura tal-irkupru, it-talba [il-kreditu], l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jew l-istrument uniformi li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru rikjest

jiġi kkontestat minn parti interessata, l-awtorità rikjesta għandha tgħarraf lil dik il-parti li din tal-aħħar għandha tressaq it-tali azzjoni quddiem il-korp kompetenti tal-Istat Membru applikanti f'konformità mal-liġijiet fis-seħħ hemmhekk.

2. Tilwim dwar il-miżuri ta' infurzar li jittieħdu fl-Istat Membru rikjest jew dwar il-validità ta' notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandhom jitressqu quddiem il-korp kompetenti ta' dak l-Istat Membru skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu."

5 Skont l-Artikolu 16 tal-imsemmija direttiva:

"1. Fuq it-talba tal-awtorità applikanti [rikjedenti], l-awtorità rikjesta għandha tieħu miżuri ta' prekawzjoni [kawtelatorji], jekk permessa bil-liġi nazzjonali tagħha u f'konformità mal-prassi amministrattivi tagħha, biex tiżgura l-irkupru meta talba [kreditu] jew l-istrument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti huwa kkontestat fiż-żmien meta ssir it-talba, jew meta t-talba li għadha mhix is-suġġett ta' strument li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti, safejn miżuri ta' prekawzjoni huma wkoll possibbli, f'sitwazzjoni simili, skont il-liġi nazzjonali u l-prattiki amministrattivi tal-Istat Membru applikanti

Id-dokument imfassal biex jippermetti [l-implimentazzjoni ta'] miżuri ta' prekawzjoni fl-Istat Membru applikanti u li huwa relatat mat-talba li għaliha qed tintalab l-assistenza reċiproka, fejn meħtieġ, għandu jiġi mehmuż mat-talba għal miżuri ta' prekawzjoni fl-Istat Membru rikjest. Dan id-dokument m'għandu jkun soġġett għall-ebda att ta' rikonoxximent, ta' suppliment jew ta' sostituzzjoni fl-Istat Membru rikjest.

2. It-talba għall-miżuri ta' prekawzjoni tista' tkun akkumpanjata minn dokumenti oħra relatati mat-talba, maħruġa fl-Istat Membru applikanti."

6 L-Artikolu 17 tal-istess direttiva jipprovdi:

"Sabiex jingħata effett lill-Artikolu 16, l-Artikoli 10(2), 13(1) u (2), 14, u 15 għandhom japplikaw mutatis mutandis."

7 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2010/24 jipprevedi:

"1. L-awtorità rikjesta m'għandhiex tkun obbligata li tagħti l-assistenza prevista fl-Artikoli 10 sa 16 jekk l-irkupru tat-talba [kreditu], minħabba s-sitwazzjoni tad-debitur, jikkawża diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali serji fl-Istat Membru rikjest, safejn il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat Membru jippermettu tali eċċezzjoni fil-każ ta' talbiet nazzjonali.

2. L-awtorità rikjesta m'għandhiex tkun obbligata tagħti l-assistenza prevista fl-Artikoli 5 u 7 sa 16, jekk it-talba inizjali għal assistenza skont l-Artikoli 5, 7, 8, 10 jew 16 issir fir-rigward ta' talbiet li jkunu ilhom aktar minn ħames snin, mid-data dovuta tat-talba fl-Istat Membru applikanti [rikjedenti] sad-data tat-talba inizjali għal assistenza.

Madankollu, f'każijiet fejn it-talba jew l-istrument inizjali li jippermetti l-infurzar fl-Istat Membru applikanti jiġu kkontestati, il-perijodu ta' ħames snin għandu jitqies li jibda mill-mument meta jiġi stabbilit fl-Istat Membru applikanti li t-talba jew l-istrument li jippermetti l-infurzar ma jistax jiġi kkontestat aktar.

Barra minn hekk, f'każijiet meta jingħata posponiment tal-pagament jew tal-pjan ta' ħlas bin-nifs mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru applikanti, il-perijodu ta' ħames snin għandu jitqies li jibda mill-mument meta jkun intemm il-perijodu sħiħ tal-ħlas.

Madankollu, f'dawk il-każijiet l-awtorità rikjesta m'għandhiex tkun obbligata tagħti l-assistenza fir-rigward ta' talbiet li għandhom aktar minn għaxar snin, mid-data dovuta tat-talba fl-Istat Membru applikanti.

3. Stat Membru m'għandux ikun obbligat li jagħti assistenza jekk l-ammont totali tat-talbiet koperti b'din id-Direttiva, li għalih hija mitlub l-assistenza, ikun inqas minn EUR 1 500.

4. L-awtorità rikjesta għandha tgħarraf lill-awtorità applikanti bir-raġunijiet għaliex tkun ċaħdet xi talba għal assistenza."

8 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1189/2011 tat-18 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati f'relazzjoni ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24 (ĠU 2011, L 302, p. 16), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1966 tas-27 ta' Ottubru 2017 (ĠU 2017, L 279, p. 38) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1189/2011"), jistabbilixxi, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu, il-modalitajiet ta' applikazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/24.

9 Skont kliem l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1189/2011:

"1. It-talbiet għall-irkupru jew għall-miżuri kawtelatorji għandhom jinkludu dikjarazzjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/24/UE biex jingħata bidu għall-proċedura ta' għajnuna reċiproka jkunu ġew issodisfati..

2. Fil-każ ta' talba għall-miżuri kawtelatorji, din id-dikjarazzjoni tista' tiġi ssupplimentata minn dikjarazzjoni li tispeċifika r-raġunijiet u ċ-ċirkustanzi tat-talba, stabbilita skont il-mudell stipulat fl-Anness III."

10 Skont il-punti 2.2 u 2.3 tal-mudell li jinstab fl-Anness III tar-Regolament Nru 1189/2011, it-talba għal miżuri kawtelatorji tista' tkun akkumpanjata jew minn deċiżjoni amministrattiva li tippermetti miżuri kawtelatorji jew minn deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonferma li l-miżuri kawtelatorji huma ġġustifikati.

Id-dritt Estonjan

11 L-Artikolu 130(1) tal-Maksukorralduse seadus (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tat-Taxxi, iktar 'il quddiem il-"MKS") jipprevedi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-awtorità fiskali sabiex jitwettaq l-irkupru forzat ta' krediti, meta l-persuna taxxabbli ma tissodisfax l-obbligu pekunjarju tagħha fit-termini previsti minn din il-liġi.

12 L-Artikolu 136[1] tal-MKS, intitolat "Implimentazzjoni ta' miżuri kawtelatorji qabel l-aċċertament ta' kreditu jew ta' obbligu pekunjarju" jipprevedi:

"(1) Jekk, mal-verifika tal-pagament korrett tat-taxxi, jitnissel suspett fondat li, minħabba l-aġir tal-persuna taxxabbli, l-aċċertament ta' obbligu jew ta' kreditu pekunjarja li tirriżulta minn leġiżlazzjoni fiskali tista' tirriżulta ħafna iktar diffiċli jew impossibbli wara li jiġi kkonstatat, id-Direttur tal-amministrazzjoni fiskali jew uffiċjal delegat minnu jistgħu jressqu quddiem il-Qorti Amministrattiva talba għall-awtorizzazzjoni ta' miżura kawtelatorja prevista fl-Artikolu 130(1) ta' din il-liġi."

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13 Fit-8 ta' Frar 2018, il-Keski-Pohjanmaan käräjäoikeus (il-Qorti Distrettwali ta' Keski-Pohjanmaa, il-Finlandja) adottat deċiżjoni proviżorja dwar is-sekwestru ta' ċerti beni li kienu ta' Heavyinstall, sabiex tiggarantixxi krediti fiskali ta' ammont prevedibbli ta' EUR 320 022 miżmuma mill-Awtorità Fiskali Finlandiża fuq din il-kumpannija (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ġudizzjarja ta' sekwestru Finlandiża").

14 Skont din id-deċiżjoni, jeżisti r-riskju li Heavyinstall taħbi, teqred jew titrasferixxi l-beni tagħha jew li taġixxi b'mod li ġġib fix-xejn l-irkupru tal-kreditu tal-Awtorità Fiskali Finlandiża. Iktar minn hekk, is-soċju ta' Heavyinstall kien ilu konxjament iqarraq bl-imsemmija awtorità sa mis-sena 2010, sabiex jeħles lil din il-kumpannija mill-obbligi fiskali tagħha fil-Finlandja.

15 Fit-13 ta' Marzu 2018, l-Awtorità Fiskali Finlandiża bagħtet, abbażi tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24, lill-MTA talba għall-assistenza fir-rigward ta' miżuri kawtelatorji li għandhom jittieħdu fil-konfront ta' Heavyinstall (iktar 'il quddiem it-"talba għall-assistenza"). Mill-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-deċiżjoni ġudizzjarja ta' sekwestru Finlandiża kienet intbagħtet ma din it-talba.

16 Sabiex teżegwixxi din it-talba għall-assistenza, il-MTA ressqet, fid-29 ta' Marzu 2018, talba quddiem it-Tallinna Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn, l-Estonja), għas-sekwestru tal-vetturi ta' Heavyinstall, jiġifieri żewġ karrijiet ta' valur ta' EUR 7 500 u trakk ta' valur ta' EUR 9 500, u tal-kontijiet bankarji ta' din il-kumpannija miftuħa fl-istabbilimenti kollha tal-kreditu tal-Estonja, għal ammont ta' EUR 297 304 (iktar 'il quddiem it-"talba għal miżuri kawtelatorji").

17 Permezz ta' digriet tat-3 ta' April 2018, it-Tallinna Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn) ċaħdet it-talba għal miżuri kawtelatorji, għar-raġuni li ma kinitx ġiet prodotta l-prova li r-rekwiżit previst fl-Artikolu 136[1](1) tal-MKS kien issodisfatt. Konformement għal din id-dispożizzjoni, l-applikazzjoni għal miżuri kawtelatorji teżiġi li jkun jista' jitqies b'mod fondat li jkun hemm ir-riskju li wara l-aċċertament tal-kreditu, l-eżekuzzjoni forzata tiegħu tkun kunsiderevolment iktar diffiċli, jekk mhux saħansitra impossibbli, minħabba l-atti tal-persuna taxxabbli.

18 Il-MTA appellat l-imsemmi digriet quddiem it-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn, l-Estonja), li ċaħdet dan ir-rikors permezz ta' digriet tat-8 ta' Mejju 2018.

19 Skont dik il-qorti, mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 jirriżulta li l-Istat Membru rikjest għandu d-dritt li jevalwa n-natura fondata u proporzjonali tat-talba għall-applikazzjoni ta' miżuri kawtelatorji fid-dawl tal-leġiżlazzjoni rispettiva tiegħu, u li jivverifika jekk l-adozzjoni ta' tali miżuri hijiex konformi ma din il-leġiżlazzjoni u mal-prattiċi amministrattivi tiegħu.

20 It-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn) eżaminat, abbażi ta' din il-premessa, jekk ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 136[1] tal-MKS kinux issodisfatti u ddeċidiet, l-istess bħall-qorti tal-ewwel istanza, li dan ma kienx il-każ. Barra minn hekk, skont it-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn), l-applikazzjoni tal-miżuri kawtelatorji li tagħhom hija mitluba l-implimentazzjoni fil-konfront ta' Heavyinstall hija sproporzjonata.

21 Barra minn hekk, l-Awtorità Fiskali Finlandiża infurmat lill MTA li, permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2020, il-Keski-Pohjanmaan käräjäoikeus (il-Qorti Distrettwali ta' Keski-Pohjanmaa), kienet ikkonfermat id-deċiżjoni ġudizzjarja ta' sekwestru Finlandiża.

22 Il-MTA ppreżentat appell quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), li permezz tiegħu hija talbet li din il-qorti tannulla d-digriet tat-8 ta' Mejju 2018 tat-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn) u li tilqa' t-talba tagħha għall-implimentazzjoni tal-miżuri kawtelatorji fil-konfronet ta' Heavyinstall.

23 Skont il-qorti tar-rinviju, fil-kawża prinċipali għandu jiġi ddeterminat jekk il-qrati Estonjani, meta jiddeċiedu dwar talba għall-applikazzjoni ta' miżuri kawtelatorji, jistgħux jevalwaw huma nnifishom il-provi prodotti u jiddeċiedu, skont il-konvinzjoni rispettiva tagħhom, jekk ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri humiex issodisfatti, jew jekk, bil-kontra ta' dan, hemmx lok li l-imsemmija qrati jibbażaw ruħhom fuq l-evalwazzjoni mwettqa fid-deċiżjoni ġudizzjarja ta' sekwestru Finlandiża.

24 Ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) tiffavorixxi l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 li ġiet adottata mill-qrati tal-ewwel istanza u tal-appell li tgħid li, essenzjalment, id-deċiżjoni ġudizzjarja ta' sekwestru Finlandiża tikkostitwixxi biss prova li għandha tiġi eżaminata waqt l-evalwazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 136[1] tal-MKS. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva wkoll li l-prinċipji ta' kollaborazzjoni, ta' fiduċja reċiproka kif ukoll ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jissuġġerixxu li tintlaqa' l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 issuġġerita mill-MTA fil-proċedura fil-kawża prinċipali.

25 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-Riigikohus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 16 tad-Direttiva [2010/24] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti ta' Stat Membru li rċeviet it-talba għal miżuri ta' prekawzjoni tkun, meta tagħti deċiżjoni dwar din it-talba konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha (li l-qorti rikjesta tista' tagħmel konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 16), marbuta bil-perspettiva tal-qorti tal-Istat tal-istabbiliment tal-applikant fir-rigward tan-neċessità u tal-possibbiltà ta' miżuri ta' prekawzjoni meta dokument li jinkludi din il-perspettiva jkun tressaq quddiem il-qorti (l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16[(1)], li tindika li dan id-dokument ma għandu jkun suġġett għal ebda att ta' rikonoxximent, ta' suppliment jew ta' sostituzzjoni fl-Istat Membru rikjest)?"

Fuq id-domanda preliminari

26 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-qrati tal-Istat Membru rikjest, li jiddeċiedu dwar talba għal miżuri kawtelatorji, humiex marbuta mill-evalwazzjoni dwar l-osservanza, fil-fatt u fid-dritt, tar-rekwiżiti imposti għall-applikazzjoni tal-imsemmija miżuri mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjedenti, meta din l-evalwazzjoni tkun tinstab fid-dokument previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), mehmuż ma din it-talba, jew, bil-kontra ta' dan, jekk huma jistgħux iwettqu l-evalwazzjoni rispettiva tagħhom fid-dawl tad-dritt nazzjonali tagħhom.

27 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, ratiopharm, C-786/18, EU:C:2020:459, punt 28).

28 F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24, l-ewwel nett, minn kliem l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jirriżulta li l-awtorità rikjesta għandha tadotta miżuri kawtelatorji, b'mod partikolari, jekk "permessa bil-liġi nazzjonali tagħha u f'konformità mal-prassi amministrattivi tagħha" u jekk dawn il-"miżuri ta' prekawzjoni [kawtelatorji] huma wkoll possibbli, f'sitwazzjoni simili, skont il-liġi nazzjonali u l-prattiki amministrattivi tal-Istat Membru applikanti [rikjedenti]".

29 Għalhekk, din il-formulazzjoni tillimita ruħha li ssemmi n-neċessità li dawn il-miżuri kawtelatorji jkunu, minn naħa, awtorizzati fl-Istat Membru rikjest u, min-naħa l-oħra, possibbli fl-Istat Membru rikjedenti, mingħajr ma tipprovdi iktar speċifikazzjonijiet dwar il-portata tas-setgħat tal-qrati tal-Istat Membru rikjest f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni tal-imsemmija miżuri kawtelatorji.

30 It-tieni nett, għandu jiġi osservat li, skont kliem it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/24, meta dokument stabbilit għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' miżuri kawtelatorji fl-Istat Membru rikjedenti huwa mehmuż mat-talba għall-assistenza, l-imsemmi "dokument m'għandu jkun soġġett għall-ebda att ta' rikonoxximent, ta' suppliment jew ta' sostituzzjoni fl-Istat Membru rikjest".

31 Għalhekk, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 36 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-analiżi inkluża f'dan id-dokument ta' akkumpanjament, li ġeneralment tirrigwarda l-osservanza tar-rekwiżiti imposti għall-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji fid-dawl tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, ma għandhiex u ma tistax tiġi ssupplimentata, u lanqas ma tista' tiġi ssostitwita fl-Istat Membru rikjest, u dan jixhed favur interpretazzjoni li tgħid li din l-analiżi torbot lill-qrati tal-Istat Membru rikjest.

32 F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 fid-dawl tal-kuntest li minnu jifforma parti, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, skont kliem l-Artikolu 17 ta' din id-direttiva, l-Artikolu 14 tagħha japplika, b'analoġija, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-imsemmi Artikolu 16.

33 L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/24 jipprevedi tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn l-istanzi tal-Istat Membru rikjedenti u dawk tal-Istat Membru rikjest sabiex jiddeċiedu dwar tilwimiet dwar, minn naħa, il-kreditu, l-istrument inizjali li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri eżekutorji fl-Istat Membru rikjedenti, l-istrument uniformi li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri eżekutorji fl-Istat Membru rikjest jew il-validità ta' notifika mwettqa minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjedenti u, min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' eżekuzzjoni adottati fl-Istat Membru rikjest jew il-validità ta' notifika mwettqa minn awtorità kompetenti ta' dan tal-aħħar. Dan it-tqassim ta' ġurisdizzjoni huwa korollarju tal-fatt li l-kreditu u l-istrumenti li jippermettu l-eżekuzzjoni tal-irkupru tiegħu huma stabbiliti abbażi ta' dispożizzjonijiet legali fis-seħħ fl-Istat Membru rikjedenti, filwaqt li l-miżuri ta' eżekuzzjoni jiġu adottati fl-Istat Membru rikjest, konformement mad-dispożizzjonijiet tad-dritt applikabbli f'dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Metirato, C-695/17, EU:C:2019:209, punti 33 u 34).

34 Għalhekk, skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/24, kull kontestazzjoni tal-kreditu kif ukoll ta' strument inizjali li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri eżekutorji fl-Istat Membru rikjedenti għandha tinġieb quddiem l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru u mhux quddiem dawk tal-Istat Membru rikjest, li s-setgħa ta' stħarriġ tagħhom hija, fl-Artikolu 14(2) ta' din id-direttiva, limitata espliċitament għall-atti ta' dan l-aħħar Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Metirato, C-695/17, EU:C:2019:209, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 It-traspożizzjoni ta' din il-ġurisprudenza, relatata mal-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, għat-tilwimiet dwar miżuri kawtelatorji, imsemmija fl-Artikolu 16 tagħha, ukoll tixhed favur interpretazzjoni li tgħid li l-qrati tal-Istat Membru rikjest ma għandhomx jevalwaw dawn il-miżuri fid-dawl tar-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fid-dritt nazzjonali tagħhom għall-adozzjoni ta' tali miżuri, ladarba l-imsemmija miżuri kawtelatorji jkunu ġew stabbiliti abbażi tad-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ fl-Istat Membru rikjedenti.

36 Konsegwentement, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-analiżi kuntestwali tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 twassal sabiex jitqies li l-qrati tal-Istat Membru rikjest huma kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar il-konformità tal-proċedura ta' adozzjoni tal-miżuri kawtelatorji fid-dawl tal-leġiżlazzjoni u tal-prattiċi amministrattivi ta' dan l-Istat Membru, iżda mhux f'dak tal-osservanza tar-rekwiżiti sostantivi imposti għall-adozzjoni tal-imsemmija miżuri.

37 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2010/24 jelenka każijiet speċifiċi li fihom l-Istat Membru rikjest jista' jirrifjuta li jagħti l-assistenza reċiproka prevista minn din id-direttiva. Konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-każijiet, inkwantu eċċezzjoni għall-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, għandhom jiġu interpretati b'mod strett (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, Baláž, C-60/12, EU:C:2013:733, punt 29).

38 Fl-istess sens, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li l-awtorità rikjesta tista', eċċezzjonalment, tiddeċiedi li ma tagħtix l-assistenza tagħha lill-awtorità rikjedenti jekk jirriżulta li l-eżekuzzjoni tat-talba għall-assistenza tkun ta' natura li tippreġudika l-ordni pubbliku tal-Istat Membru responsabbli mill-awtorità rikjesta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 47).

39 Mill-analiżi tal-kuntest li minnu jifforma parti l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 jirriżulta wkoll li huwa biss f'każijiet preċiżi u ddeterminati, ibbażati fuq deroga prevista espliċitament minn din id-direttiva jew fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qrati tal-Istat Membru rikjest jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-assistenza għall-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji.

40 F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 2010/24, għandu jiġi kkonstatat li din tal-aħħar, filwaqt li taqa' taħt il-qasam tas-suq intern u mhux taħt dak tal-ispazju tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, hija msejsa fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Fil-fatt, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita bid-Direttiva 2010/24 tiddependi fuq l-eżistenza ta' tali fiduċja bejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 41).

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar ukoll li kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ukoll il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li huwa msejjes fuq l-ewwel wieħed minn dawn il-prinċipji, għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, importanza fundamentali, sa fejn dawn jippermettu l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntjieri interni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 40).

42 Barra minn hekk, minn naħa, mill-premessa 4 tad-Direttiva 2010/24 jirriżulta li, sabiex ikun jista' jiġi ssodisfatt numru dejjem jikber ta' talbiet għall-assistenza u sabiex jiġu ggarantiti riżultati aħjar, huwa neċessarju li l-assistenza ssir iktar effikaċi u li din tiġi ffaċilitata fil-prattika.

43 Min-naħa l-oħra, konformement mal-premessa 6 ta' din id-direttiva, huwa neċessarju li tingħata attenzjoni sabiex la d-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u lanqas in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ma jikkompromettu l-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' assistenza reċiproka prevista minn din id-direttiva.

44 Issa, interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 li tkun tippermetti li l-qrati tal-Istat Membru rikjest iwettqu eżami ġdid tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni tal-miżuri kawtelatorji, fid-dawl tad-dritt nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari meta l-evalwazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tkun tinstab fid-dokument previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) ta' din id-direttiva, tkun tmur kontra l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, li fuqu hija msejsa l-imsemmija direttiva, kif ukoll kontra r-rekwiżiti marbutin mal-funzjonament tajjeb u mal-effikaċja tas-sistema ta' assistenza reċiproka stabbilita mill-imsemmija direttiva.

45 Barra minn hekk, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan l-eżami l-ġdid ikun imur ukoll kontra kemm ir-rekwiżiti ta' ħeffa li jikkaratterizzaw il-proċedura ta' adozzjoni tal-miżuri kawtelatorji kif ukoll kontra dawk intiżi li jiġu evitati, fil-kuntest ta' proċedura għall-assistenza, evalwazzjonijiet kontradittorji tal-istess ċirkustanzi fattwali mill-qrati taż-żewġ Stati Membri kkonċernati.

46 Minn interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24, kif ukoll mill-kuntest li minnu tifforma parti din id-dispożizzjoni u mill-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva jirriżulta, għalhekk, li l-qrati tal-Istat Membru rikjest huma, bħala prinċipju, marbutin mill-evalwazzjoni magħmula mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjedenti fuq l-osservanza tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni tal-miżuri kawtelatorji, b'mod partikolari meta din l-evalwazzjoni tkun tinstab fid-dokument previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/24, mehmuż mat-talba għall-assistenza.

47 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li d-deċiżjoni ġudizzjarja ta' sekwestru Finlandiża tista' titqies bħala li hija d-dokument imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2010/24. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mit-Taqsima 2.3 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1189/2011, li tinkludi mudell ta' dikjarazzjoni li jispeċifika r-raġunijiet u ċ-ċirkustanzi ta' talba għal miżuri kawtelatorji, tali talba, ibbażata fuq l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24, tista' tirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonferma li l-miżuri kawtelatorji huma ġġustifikati. L-imsemmi mudell jipprevedi, barra minn hekk, li din id-deċiżjoni ġudizzjarja tiġi mehmuża mal-imsemmija dikjarazzjoni.

48 Huwa għalhekk abbażi tal-analiżi li tinstab f'dan id-dokument u mhux abbażi tal-evalwazzjoni rispettiva tagħhom tal-fatti inkwistjoni kif ukoll abbażi tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 136[1] tal-MKS, tal-miżuri kawtelatorji, li l-qrati Estonjani għandhom jiddeċiedu dwar it-talba għall-assistenza mressqa quddiemhom.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2010/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qrati tal-Istat Membru rikjest, li jiddeċiedu dwar talba għal miżuri kawtelatorji, huma marbuta mill-evalwazzjoni dwar l-osservanza, fil-fatt u fid-dritt, tar-rekwiżiti imposti għall-applikazzjoni tal-imsemmija miżuri mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjedenti, b'mod partikolari meta din l-evalwazzjoni tkun tinstab fid-dokument previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), mehmuż mal-imsemmija talba.

Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' talba mressqa quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din tal-aħħar li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qrati tal-Istat Membru rikjest, li jiddeċiedu dwar talba għal miżuri kawtelatorji, huma marbuta mill-evalwazzjoni dwar l-osservanza, fil-fatt u fid-dritt, tar-rekwiżiti imposti għall-applikazzjoni tal-imsemmija miżuri mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjedenti, b'mod partikolari meta din l-evalwazzjoni tkun tinstab fid-dokument previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(1), mehmuż mal-imsemmija talba.

Firem